MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tat-18 ta' Jannar, 2006

Numru. 708/2005

**Il-Pulizija**
**(Spt. Dennis Theuma)**
**vs**
**Emanuel Zarb**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **Emanuel Zarb** ta' 59 sena, bin Joseph u Carmela *nee'* Attard, imwieled Hamrun fis-17 ta' Settembru, 1945, residenti 'Bliss', Triq Olaf Golcher, l/o Birkirkara, u detentuir tal-karta tal-identita' numru 777245M

Talli f'dawn il-Gzejjer fit-23 ta' Frar, 2002, u fi zmien ta' qabel b'diversi azzjonijiet maghmula minnek anke jekk fi zminijiet differenti izda li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li kienu maghmulin b'rizoluzzjoni wahda, bhala detentur tal-fond, 'Lucky' 197, sitwat fi Triq F.S. Caruana,

B’Kara u bhala persuna li kellek f’idejk l-imsemmi fond b’mezzi qarrieqa kkommettejt serq ta’ kurrent elettriku minn meter tad-dawl li jinsab fl-imsemmi fond ghad-dannu tac-Chairman tal-Korporazzjoni EneMalta, liema serq u kkwalifikat bil-mezz, bil-hin u bil-valur li ma jaccediex Lm1000 u dan kollu bi ksur tal-artikoli 261, 263 (a), 264 (1), 267 u 270 rispettivament tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Talli fl-istess lok, zmien u cirkostanzi ghamilt hsara fil-mekkinarju u gumni tal-elettriku jew ikkagunajt telf ta’ kurrent tal-elettriku, u fl-ahhar talli ghamilt hsara jew gharraqt xi apparat jew parti mill-meter tal-elettriku jew sigilli tieghu jew xi parti minn xi apparat jew gumni uzati fil-provvista tal-elettriku jew sigilli taghhom u dan bi ksur tal-artikolu 326 (1) c & f tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

F’kaz ta’ htija l-Qorti hujja mitluba tikkundanna lill-imputat Emanuel Zarb sabiex ihallas l-ispejjes kollha li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ esperti jew periti fil-proceduri odjerni w dan ai termini tal-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat il-kunsens tal-avukat generali u nuqqas t’oggezzjoni tal-imputat biex il-kaz tieghu jkun trattat u deciz bil-procedura sommarja;

Semghet l-ammissjoni tal-imputat;

Semghet ukoll ir-Rapprezentant tal-Korporazzjoni EneMalta jiddikjara illi l-Korporazzjoni ma ghandhiex aktar pretenzjonijiet kontra l-imputat;

Fuq ammissjoni ssibu hati;

Rat l-artikoli 261 (b), (c) u (f), 263, 267, 270, 278, 326 (1) (c) u (f) tal-Kap 9;

Tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx rejat iehor sa zmien sitt xhur mil-lum skond l-artikolu 22 Kap 446;

Il-Qorti spjegat l-obbligi tal-imputat naxxenti minn din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------